# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 7 ta' Dicembru 2016**

**Rikors Guramentat Nru. 45 / 15RGM**

**Kawza fil-lista: 18**

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-kontendenti izzewgu fit-19 ta' Dicembru, 1982 fil-Knisja Parrokjali ta' Bormla u dan kif jirrizulta mic-certifikat u minn dan iz-zwieg twieled tifel wiehed, Saviour, illi llum huwa maggorenni;

2. Illi l-intimat irrenda ruhu hati ta' eccessi, mohqrija, ingurji gravi u theddid versu martu rikorrenti kif ukoll gie misjub hati mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) kif ikkonfermat fi stadju anke ta' Appell;

3. Illi inoltre l-intimat jinsab prezentement jiskonta piena ta' prigunerija fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin.

4. Illi m'hemmx dubju illi z-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabbilment b'mod li l-hajja konjugali m'ghadhiex aktar possibbli.

5. Illi r-rikorrenti giet awtorizzata minn din l-Onorabbli Qorti tipprocedi ghas-separazzjoni personali permezz ta' digriet moghti nhar l-24 ta' Frar, 2015;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

1. Tiddikjara l-firda personali bejn il-kontendenti konjugi B, ghal ragunijiet imputabbli esklussivament lill-intimat;

2. Tordna lill-intimat ihallas dak il-manteniment li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq ghall-istess rikorrenti;

3. Tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti;

4. Tillikwida l-istess komunjoni tal-akkwisti f’ zewg partijiet mhux necessarjament ugwali b'tali mod li l-intimat jitlef kull jedd li ghandu fuq nofs l-akkwisti li saru bil-hidma tar-rikorrenti;

5. Tapplika kontra l-intimat l-effetti ta' l-Artikolu 48 sal-Artikolu 52 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. TikkundA lill-intimat sabiex jirrestitwixxi lir-rikorrenti il-beni kollha dotali u/jew parafernali taghha illi jirrizultaw waqt it-trattazjoni tal-kawza u dana fi zmien qasir u perentorju, li ghandu jigi lilu prefiss minn din l-Onorabbli Qorti u fin-nuqqas li l-intimat jaghmel dan, tikkundAh ihallas lir-rikorrenti dik is-somma li ghandha tigi likwidata, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, rapprezentanti l-valur tal-beni dotali u/jew parafernali suddetti;

7. Tiddikjara illi l-fond sitwat fin-numru 3, Is-Salvatur, Triq Qalgha, Tarxien u li sservi bhala dar matrimonjali jappartjeni liz-zewg kontendenti f’ishma indaqs bejniethom;

8. Tordna illi l-istess dar matrimonjali sitwata fin-numru 3, Is-Salvatur, Triq Qalgha, Tarxien jinbiegh u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-kontendenti;

9. Tordna li r-rikorrenti tibqa' tabita fid-dar konjugali sitwata fin-numru numru 3, Is-Salvatur, Triq Qalgha, Tarxien ad eskluzjoni tal-intimat sakemm din l-istess dar matrimonjali tinbiegh, u dan a tenur tat-talba precedenti u taghti kull provvediment xieraq u opportun fic-cirkostanzi;

Bl-ispejjez, korltra l-intimat li minn issa hu ingunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li taqra kif gej:-

1. Illi huwa jichad il-kawzali li fuqhom hija mibnija l-kawza, peress li hu qatt ma kien hati lejn martu eccessi, mohqrija, ingurji gravi u theddid.

2. Illi r-responsabbilta' tat-tkissir taz-zwieg tinsab fl-attitudni tal-mara li jidher li l-akbar interess taghha fiz-zwieg huwa li tbiegh id-dar u tiehu s-sehem taghha.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-affidavit tal-attrici anness ma nota ppresntata fil-15 ta' April 2015;

Rat n-nota tal-attrici tal-21 ta' Ottubru 2015, li maghha annettiet elenku tal-mobbli tal-komunjoni tal-akkwisti u dawk paeafernali taghha, Dok AP5 u l-proposta taghha ghal separazzjoni bonarja, Dok AP6;

Rat x-xhieda tal-attrici li xehedet in kontroezami fis-seduta tas-26 ta' JAr 2016;

Rat n-nota tal-attrici tal-10 ta' Marzu 2016, li maghha annettiet kopja tas-sentenza tad-29 ta' JAr 2016 tat-Tribunal Metripolitan ta' Malta fejn z-zwieg kanoniku bejn il-partijiet gie ddikjarat null u minghajr ebda effett u dan bi htija tal-intimat li gie anke impost fuqu d-divjiet taz-zwieg, Dok TMM-1 u Kopja tad-Digriet ta' Ezekuttivita', Dok TMM-2;

Rat x-xhieda tal-konvenut li xehed fis-seduta tal-21 ta' April 2016;

Rat n-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici ppresentata fl-14 ta' Lulju 2016

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**ZWIEG PUTATTIV WARA ANNULLAMENT**

Ghalkemm l-annullament ta' zwieg ifisser li zwieg ma kienx hemm mill-bidunett mhux kull annullament igib l-istess effetti f'dak li jirrigwarda l-aspett patrimonjali tal-vertenza.

**LIGI**

L-**Artikolu 20 tal-Att dwar iz-Zwieg (Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta)** jipprovdi illi:-

*'(1) Jekk żwieġ ikun dikjarat null l-effetti ta' żwieġ validu għandhom jitqiesu li kienu jeżistu, favur il-miżżewġin sakemm is-sentenza ta' nullità tkun saret res judicata meta l-miżżewġin ikunu żżewġu in bona fide.*

*(2) L-effetti ta' żwieġ validu jitqiesu li dejjem kienu jeżistu għal dak li jirrigwarda t-tfal li jitwieldu jew konċepiti matul żwieġ dikjarat null kif ukoll għal dak li jirrigwarda tfal li jitwieldu qabel dak iż-żwieġ u li jkunu rikonoxxuti qabel ma tingħata s-sentenza ta' nullità.*

*(3) Jekk waħda biss mill-partijiet kienet in bona fide dawk l-effetti japplikaw favur tagħha u favur l-ulied.*

*(4) Jekk ebda waħda mill-partijiet ma kienet in bona fide l-effetti ta' żwieġ validu għandhom japplikaw biss favur l-ulied li jitwieldu jew konċepiti matul iż-żwieġ dikjarat null.*

*(5) Minkejja kull disposizzjoni oħra, min mir-raġel jew il-mara jkun responsabbli għan-nullità taż-żwieġ, ikun obbligat iħallas manteniment lill-parti l-oħra li tkun in bona fide għal perijodu ta' ħames snin, liema obbligu jispiċċa jekk il-parti in bona fide tiżżewweġ matul dak iż-żmien. '*

Dan l-Artiklu dahal fis-sehh fis-sena 1981, filwaqt li l-partijiet izzewwgu fis-sena 2006, u ghalhekk tali provvediment legali huwa applikabbli ghall-kaz odjern.

**GURISPRUDENZA**

In tema legali ssir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti tal-31 ta' Mejju 2016 fl-ismijiet **Caroline Camilleri sive Caroline Camilleri Ciappara u b'digriet datat 25 ta' Mejju 2016 l-isem ghandu jaqra bhala Caroline Ciappara gja Camilleri vs Anthony sive Toni Camilleri**, fejn il-Qorti ghamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet dwar zwieg putattiv li huma applikabbli wkoll ghall-kaz odjern:

*'Fil-kawza fl-ismijiet "Stellini vs Tabone" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fil-31 ta' JAr 2008 (Citaz nru 2613/1998NC) fejn il-mertu kien simili ghal dak tal-odjerna kawza, intqal hekk:-*

*"Illi in tema legali jigi osservat li l-kuncett ta' zwieg putattiv gie introdott fis-sistema guridiku nostrali bl-Att numru XXXIV tas-sena 1981 li ssostitwixxa l-Artikolu 20 li kien vigenti dak iz-zmien; u dana bhala eccezzjoni ghall-principju li "quod nullum est, nullum producit effectum" u huwa primarjament intiz biex jikkawtela d-drittijiet tat-tfal li jkunu twieldu fiz-zwieg li sussegwentement jigi dikjarat null; izda mhux biss, ghax permezz ta' dan l-artikolu l-legislatur ried ukoll jikkawtela l-effetti civili tal-konjugi li jkunu, jew tal-konugi li jkun, in buona fede. L-iskop tal-legislatur f'dan ir-rigward jirrizulta car minn qari tad-disposizzjoni tal-ligi, u jsib konfort qawwi fid-diskussjonijiet li saru meta din il-ligi kienet qed tigi diskussa fil-Parlament (Vide Parlamentary debates -Seduta numru 531 mizmuma 29 ta' Lulju 1981).*

*In propositu, il-Ministru tal-Gustizzja ta' dak iz-zmien qal 'inter alia' hekk:*

*"U allura hawnhekk qed noholqu effetti civili ghal dak iz-zwieg li jkun gie annullat u jissejjah zwieg putattiv. It-tfal jibqghu dejjem ikkunsidrati legittimi...(ommissis) Barra minn hekk, qedin niehdu hsieb li sakemm ikun hemm iz-zwieg li ma giex annullat, dak il-periodu ghandu, ghall-aspett civili, jitqies li z-zwieg ezista. Jigifieri dawk li huma drittijiet, per ezempju...." u l-Onorevoli Ministru jkompli biex jaghti ezempji dwar id-drittijiet patrimonjali tal-konjugi; u jishaq fuq il-fatt li bejn il-konjugi, il-ligi hija intiza biex tipprotegi dak il-konjugi li jkun in buona fede, kontra il-mala fede tal-konjugi l-iehor, distinzjoni li nsibuha fil-ligi Taljana; u aktar 'il quddiem fid-diskors tieghu isemmi propju il-kaz ta' eskluzjoni positiva bhala ezempju ta' mala fede da parti tal-konjugi.*

*Mill-premess jirrizulta car li l-Artikolu 20 ma jirrigwardax biss l-istatus tal-konjugi u ta' uliedhom wara l-annullament taz-zwieg, izda jirrigwarda ukoll l-effetti civili patrimonjali tal-konjugi. Dan jirrizulta car ukoll mill-kontenut tas-sub inciz (5) li jimponi fuq il-konjugi li jkun responsabbli ghall-annullament taz-zwieg, l-obbligu li jmantni ghal perijodu kwinkwennali, lill-konjugi l-iehor li jkun in buona fede. Inoltre, "Quod lex voluit lex dixit"; u l-ligi tghid biss"effetti civili" minghajr distinzjoni u ghalhekk tapplika il-massima legali li "quod lex non distinguere nec non distinguere debemus".*

*Illi minn qari tad-disposizzjoni in disamina, jirrizulta manifest li l-kriterju, jew ahjar l-ingredjent principali sabiex jissussisti zwieg putattiv, bejn il-konjugi, huwa l-esistenza tal-buona fede da parti taz-zewg konjugi jew da parti ta' wiehed biss. Fl-ewwel kaz l-effetti patrimonjali taz-zwieg civili " jitqiesu li kienu jezistu favur il-mizewgin sakemm is-sentenza ta' nullita' tkun saret 'res judicata'...", filwaqt li fit-tieni kaz, dawn l-effetti jissussistu biss favur il-konjugi in buona fede. F'dik il-kawza rrizulta li z-zwieg kien null unikament minhabba l-fatt li l-mara kienet issimulat il-kunsens ghaz-zwieg bl-eskluzjoni posittiva ta' wiehed mill-elementi essenzjali ghaz-zwieg, cioe' l-att taz-zwieg. Pero' l-Qorti rriteniet li*

*ghalkemm l-attrici ma tistax tinvoka favur taghha l-ezistenza tal-komunjoni tal-akkwisti, dan ma ghandux jkun ta' ostakolu sabiex l-attrici tottjeni sehemha mill-gid akwistat bil-hidma taz-zewg partijiet tul il-kors taz-zwieg.*

*Kaz iehor fejn fil-mori ta' kawza ta ' separazzjoni personali, iz-zwieg tal-partijiet gie dikjarat null, u ghalhekk kien fadal li tinghata decizzjoni fuq l-aspett patrimonjali biss, kienu z-zewg kawzi tal-istess koppja decizi mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru 2011 fl-ismijiet* ***"Ernest Cilia vs Noelle mart Ernest Cilia, " Noelle mart Ernest Cilia vs Ernest Cilia".*** *F'dak il-kaz kien irrizulta illi ftit xhur qabel iz-zwieg, il-partijiet kienu xtraw bicca art fil-Wardija li fuqha bnew id-dar konjugali, gie ritenut li d-dar hi propjeta' tat-tnejn fi kwoti ndaqs bejniethom, u l-Qorti ordnat li l-propjeta' tinbiegh u r-rikavat jinqasam ugwalment bejniethom. Il-Qorti tal-Appell ikkonfermat d-decizjoni ta' l-ewwel Qorti dwar id-dar matrimonjali. Saret ukoll divizjoni tal-effetti mobbili, rigali tat-tieg, self, u djun kanonizzati b'sentenzi.*

*Fil-kawza fl-ismijiet* ***"Carmen Spiteri vs Renald Spiteri"*** *deciza mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fil-21 ta' Novembru 2014, Citazzjoni Numru 1393/2003 l-attrici pprocediet b'kawza ta' separazzjoni personali kontra l-konvenut. Fil-pendenza tal-kawza b'sentenza tal-istess Qorti z-zwieg gie dikkjarat null ghal raguni imputabbli lir-ragel. Fis-sentenza tal-anullament gie stabbilit li z-zwieg kien null minhabba qerq adoperat mill-konvenut filwaqt li l-attrici kienet in 'buona fede'. Il-Qorti kellha dan xi tghid dwar l-Artikolu 20 tal-kap 255 :*

*" ....., u ghalhekk bis-sahha ta' dak li jghid l-Artikolu 20(1) u (3), ghalkemm iz-zwieg taghhom gie dikjarat null, xorta wahda "l-effetti ta' zwieg validu ghandhom jitqiesu li kienu jezistu" fil-konfront tal-attrici. Ghaldaqstant il-komunjoni tal-akkwisti li kienet tezisti matul iz-zwieg, ghalkemm giet terminata bl-annullament taz-zwieg, xorta wahda legalment ghandha tqis li kienet tezisti tul il-perijodu sad-data tal-annullament, u li ghada tezisti dwar dak l-assi li l-partijiet akkwistaw matul iz-zwieg taghhom.*

*Ghalhekk mhux il-kaz li ser issir divizjoni normali tal-assi li l-partijiet ghandhom in komuni, izda ser issir likwidazzjoni u divizjoni ta' assi li jiffurmaw il-komunjoni tal-akkwisti putattiva.*

*Kif gia' gie decis minn din il-Qorti " gjaladarba hemm komunjoni tal-akkwisti li ghad trid tigi likwidata u assenjata, allura dan ghandu jsehh skont id-disposizzjonijiet tal-ligi kollha li jirregolaw din il-komunjoni, fosthom l-Artikolu 48(1) (c) tal.Kap 16, fi kliem iehor din il-Qorti ghandha il-kompitu li tezamina l-provi dwar is-separazzjoni, u tasal ghall-htija ghall-istess, biex mbaghad tiddetermina jekk dik il-htija hijiex tali li tattira l-applikazzjoni tal-Artikolu precitat."*

*B'sentenza fl-ismijiet* **Edward De Gaetano vs JohA De Gaetano** *(citaz nru 1578/2001) moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Marzu 2016 il-Qorti laqghet l-appell tal-attrici appellanti u ddikjarat li skont l-interpretazzjoni tal-Artikolu 20 tal-Kap. 255 l-konvenut appellat ghandu jitlef il-beneficcji kollha ta' dak li sar bil-hila taghha.*

*Il-Qorti, inter alia qalet hekk; " Din il-Qorti thoss li dan l-aggravju tal-appellanti huwa gustifikat fis-sens li l-effetti ta' dan iz-zwieg ghandhom jitqiesu validi biss fir-rigward tal-appellanti izda mhux tal-appellat peress li kienet biss l-appellanti li kienet in buona fede". Peress li z-zwieg gie annullat minhabba l-mala fede tar-ragel huwa tilef id-dritt li jgawdi mid-dhul tal-mara li kienet in buona fede.*

*Hu mportanti ghalhekk li jigi determinat fil-kawza tal-annullament taz-zwieg, jekk dan kienx ir-rizultat ta' qerq ta' parti fil-konfront tal-parti l-ohra, jew jekk it-tnejn kienu in buona fede jew li it-tnejn kienu in mala fede."*

Issir referenza wkoll ghal sentenza recenti tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Perit Herbert Debono vs Astrid Francione** u deciza fit-30 ta' Settembru 2016, fejn il-Qorti ghamlet osservazzjonijiet li ghandom relevanza sabiex jigi determinat meta ghandu jitqies li kien hemm *mala fede*:

*'15. Fil-kaz in ezami dak li legalment jorbot lill-partijiet huwa dak li kien gie deciz fis-sentenza tal-annullament moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili u li ghaddiet f'gudikat; zgur li mhux permess li jerghu jingiebu provi sabiex jigi deciz dak li llum huwa gudikat, salv ovvjament ghal dak li ma kienx gie deciz f'dik is-sentenza, senjatament f'dik il-parti li hi omissa decisio u li tirrigwarda t-tieni t-talba li kienet saret f'dik il-kawza sabiex jigi dikjarat li l-attrici kienet iddekadiet mis-sehem taghha tal-komunjoni tal-akkwisti u t-tielet t-talba sabiex jigi dikjarat li l-attrici m' ghandhiex aktar dritt ghall-akkwisti b'effett mid-datat tas-sentenza ta' separazzjoni.*

*16. F'dik is-sentenza gie deciz li l-konvenuta rikonvenzjonanti, fuq talba taghha stess, kienet unikament hatja ghall-annullament taz-zwieg u konsegwentement giet akkollata thallas l-ispejjez kollha tal-kawza.*

*17. Ghalhekk dak li jirrigwarda l-fattur tal-mala fede da parti tal-konvenuta fiz-zmien li hi kienet tat il-kunsens matrimonjali taghha, din il-Qorti toserva fl-ewwel lok, li m'huwiex minnu dak sottomess mill-attur li kienet l-ewwel Qorti li ex officio ssollevat dan il-fattur, izda kien l-istess attur li fir-rikors promotur ta' dan il-gudizzju u precizament fil-premessa markata numru 6 espressament jghid li "iz-zwieg bejn il-partijiet ma kienx ikkuntrattat in buona fede".*

*18. Fit-tieni lok, din il-Qorti tosserva li, ladarba l-Qorti fil-kawza tal-annullament laqghet it-talba rikonvenzjonali tal-konvenuta ghar-ragunijiet indikati minnha fl-Artikolu 19 fuq citat, minghajr ma indikat il-paragrafi relevanti fil-parti disposittiva tas-sentenza, dan ghandu jfisser li dik il-Qorti laqghet il-kontro-talba abbazi tal-paragrafi kollha indikati minnha fil-premessa tal-kontro-talba bhala ragunijiet ghall-akkoljiment tal-istess talba, fosthom is-simulazzjoni kontemplata fil-paragrafu [f] tal-istess artikolu. Ladarba dan hu hekk, mhux il-kaz li wara dak il-gudikat jerga' jigi ezaminat dan l-aspett tal-vertenza. Ghaldaqstant ma tistax taqbel mal-ewwel Qorti meta fis-sentenza appellata rreferiet ghal dak li kien intqal fil-proceduri quddiem it-tribunal eklesjastiku. Jigi ribadit li dak li jghodd fil-ligi huwa dak li diga` gie deciz fil-kawza tal-annullament li saret gudikat.*

*19. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet premessi din il-Qorti hi tal-fehma li, ladarba gie defenittivament deciz li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali l-konvenuta b'att pozittiv tal-volonta` taghha ssimulat dak il-kunsens, allura l-attur huwa gustifikat fis-sottomissjoni tieghu li, fil-konfront tal-attrici l-komunjoni tal-akkwisti kienet inezistenti ab initio, u ghalhekk it-talba tieghu kellha tigi milqugha."* [sottolinear tal-Qorti]

Minn din is-silta jigi dezunt illi mhux kull kawza ta' htija ghall-annullament taz-zwieg hija indikattiva ta' mala fede. Dan hwua wkoll konformi mal-principju ormai assodat illi l-buona fede hija prezunta filwaqt li l-mala fede trid tirrizulta ppruvata sal-grad rikjest mill-ligi.

**IL-PROVI.**

L-attrici, fl-affidavit taghha mahluf fl-10 ta' April 2015, Fol 61, kkonfermat li saret taf lill-konvenut fin-1997 meta kellha 16 il-sena u hu kellu 18 il-sena. Ommha kienet opponiet billi l-attrici kienet ghadha tmur l-iskola.. Kienu joqghodu Marsascala u wara marru joqghodu Hal-Tarxien. Il-konvenut kien jmur ghandha kull jum pero' hi billi ommu ma kienet tiehu pjacir b'hadd, ma kienitx tmur ghandu. Izzewwgu fid-19 ta' Dicembru 1982, fil-Knisja Parrokkjali ta' Bormla, hi kellha 21 sena u hu kellu 23 sena. Fit-2 ta' Dicembru 1983 twildilhom tifel, Saviour, li illum ghandu 31 sena,mizzewweg u jghix ghar-rasu.
L-attrici ddikjarat li waqt li kienet tqila, l-konvenut kien jixrob.L-attrici issemmi okkazzjoni partikolari meta siker u kellu xi jghid ma' ommha. Wara dan l-incident hu baqa' jixrob u jkun aggressiv. Beda jdum ma jigi lura d-dar u meta jirritorna kien jkun fis-sakra. Kien jkun aggressiv u jkisser il-bibien, gieli kien jaghmel jumejn barra u hadd ma jaf fejn hu. Meta jigri hekk hi gieli marret bit-tifel ghar-rifugju ghand ommha u anke ghand ommu, billi kienet tibza tkun d-dar meta jirritorna billi kien jaghmel ix-xenati. Hi kienet tippreferixxi tmur d-dar meta hu jkun mar lura u dahal jorqod.

F'dak iz-zmien l-konvenut kien jahdem ma' Croce Bonaci ta' Triq Sant'Ursola, l-Belt, meta kienet iccempel biex tistaqsi ghalih kien jghidulha li kien hemm, ghalkemm hu qatt ma kien jkellimha fuq it-telephone izda wara li l-konvenut wehel fuq reat tal-pedofelia, ta' Bonaci kkonfermawlha li huma kienu jghattulu meta kienet iccempel billi l-konvenut ma kienx jkun hemm.

L-attrici ddikjarat li ghalkemm l-konvenut kien jkun vjolenti meta jirritorna d-dar ma kienx jerfa' idejh fuqha, izda darba gie lura d-dar fis-sakra u sabha fuq it-telephone, u billi haseb li hi kienet qed tipprova titkixxef fejn kien, qabad il-wire tat-telephone u dawru ma ghonqha. Hi tant bezghat li qatt ma regghet uzat t-telephone fil-presenza tieghu.

Kien hemm okkazzjoni ohra meta rega' dahal fis-sakra, hi kienet marret ghand ommha u l-konvenut neza' c-cinturin u sawwat lit-tifel bih u ghamillu ferita taht ghajnejh. Hi ghalhekk kienet kostretta li ghal xi granet ma tibghatx lit-tifel l-iskola, izda meta mar s-surmast induna ghax il-ferita kienet ghadha tidher u informaha li kien b'rispett taghha li ma kienx ser jirrapporta il-kaz.

Meta rrinfaccat l-konvenut dan qalilha biex ma tesagerax, din kienet okkazzjoni ta' darba, u li hu qala' hafna swat minn missieru.
L-konvenut qata' r-relazzjonijiet intimi maghha ftit wara li twieled it-tifel. Hu kien jghidilha li ghamel operazzjoni fil-parti privata tieghu u ma setghax jkollu aktar x'jaqsam. Kienet tissuggerilu jmur ghand tabib izda hu kien jghid li ma kellu xejn. Meta kienet tinsisti kien jakkuzaha li kienet qed taghajru. Ghalkemm kienu jorqdu fl-istess sodda qatt ma kien jkun hemm kuntatt fiziku. Kien jghidilha li dawn l-affarjiet ma humiex kollox u la hu kien joqghod minghajr sess hi kellha toqghod ukoll.

Meta t-tifel kien qed jaghmel il-pracett, qalilha qfi kliemu li missieru qed jaqbadlu "id-duda". Meta rrinfaccat lill-konvenut qalilha li kien ser jara x'jaghamillu ghax kien qed jigdeb fuqu. Darba t-tifel kien qed jara l-cartoons mal-kugin tieghu fil-kamra tas-sodda, hi kienet fil-kcina u l-konvenut kien ghadu barra. F'hin minnhom bdew jghajjtulha biex tmur tara u meta marret sabet li kien video pornografiku ' b'xeni ghal kollox tal-wahx u mhux normali'.

Meta rrinfaccat lill-konvenut qalilha li l-video kien tahulu siehbu biex ma taqbdux martu.

F'dak l-istess zmien il-konvenut kien gab god-dar, guvnott ta' xi 14 il-sena. Dan ghamel xhur jghix maghhom. Il-konvenut kien qalilha li omm dan il-guvnott kienet griet warajh b'sikkina. Kien jorqod fl-istess kamra tas-sodda tat-tifel taghhom. Il-konvenut kien johrog mieghu fil-ghaxija u jgibu lura d-dar. Hi ma

tafx fejn kienu jmorru. Kien z-ziju taghha li intervjena biex dan telaq mid-dar billi 'ppakkjalu hwejjgu u wrieh il-bieb ta' barra'. Hi u t-tifel kienu ssaportew dan il-guvnott ghax kienu jibzghu mill-konvenut. Xi zmien wara saret taf minn programm fuq t-television li dan il-guvnott kien jiehu d-drogi. Meta ipprotestat mal-konvenut li dan seta jqabbad il-vizzju lit-tifel, qalilha li 'mbasta tmur il-Knisja u ma thenn ghal hadd'.

Fis-sena 2009 il-konvenut gie arrestat u akkuzat b'akkuzi kriminali, hu gie ikkundAt ghall-piena karcerarja, decizjoni ikkonfermata fl-Appell, li ghadu qed jiskonta fil-Habs ta' Kordin. Cemplulha mid-Depot xi jumejn wara li gie arrestat u talbuha l-hwejjeg ghall-Qorti, pero' ma qalulhiex ghalhiex gie arrestat.

Hi hasbet li kien dahal f'xi glieda wara li kien xorob u ma kienitx l-ewwel darba li jaghmel xi granet ma jersaqx lejn d-dar. Meta ratu il-Qorti qalilha li xi subien xlewh 'li ghamel xi dildo mal-warrani taghhom'. Fit-tarag tal-Qorti meta kienu ser johduh il-Habs, quddiem l-avukat tieghu beda jghAqha u jbusha, haga li kien ilu ma jaghmel snin shah. Meta hmistax wara hareg bi plegg, hi ppruvat tibni fuq il-karezzi li kien uriha, izda mill-ewwel rrifjutaha u wissiha biex ma ddahalx hsibijiet f'mohha.

Zewgha kien gie misjub hati fuq akkuzi ta' abbuz fuq minorenni.

L-attrici tikkonferma li ghal dawn r-ragunijiet z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment u ma hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni. Hi ilha tbaghti hafna emozzjonalment u mentalment ghal 32 sena.

Hi kkonfermat li pprocediet ghall-annullament taz-zwieg fil-Kurja u dwar propjeta' ddikjarat li bejniethom ghandhom d-dar 3, Salvatur,Triq il-Qalgha, Tarxien u l-ghamara li hemm fih, hemm ukoll van imkisser li juza il-konvenut.

Waqt iz-zwieg wirtet minn ghand missierha £M10,000 cioe' Euro 23,294 li tnefqu f'benefikati fid-dar bhal poggjaman u arkati tal-kewba, bibien u kcina.

L-attrici annettiet mar-Rikors Guramentat, Dok AP2 Sentenza tal-Qorti tal-Magistrati(Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 ta' Lulju 2013, Fol 6 et seq fejn ik-konvenut gie misjub hati li ikkorrompa zewgt ahwa minuri, Andre' u Claude Cutajar u ikkundAt 5 snin prigunerija.
Din is-sentenza giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali b'sentenza tat-22 ta' April 2014 Dok AP3 Fol 17 et seq.

B'nota tal-10 ta' Marzu 2016 l-attrici annettiet kopja ta' sentenza tat-Tribunal Metropolitan ta' Malta tad-29 ta' JAr 2016, Fol 100 li ddikjara null u bla effett iz-zwieg ta' bejn il-partijiet billi fir-ragel kien hemm nuqqas ta' diskrezzjoni ta'

gudizzju u inkapacita' da parti tieghu li jassumi l-obbligi maritali. Gie impost Vetitum fuq ir-ragel, li gie prekluz milli jerga jizzewweg fil-Knisja sakemm ma ssirlux terapija adegwata u jigi certifikat li rrnexxilu ivinci il-patologiji ta' personalita u tendenzi sesswali perversi, u jinhtieg, wara konsultazzjoni ma' l-istess Tribunal ta' Prim Istanza, li jirrizulta kapaci li jaghti kunsens matrimonjali validu u li jkun kapaci jassumi l-obbligi essenzjali.

Il-konvenut, b'verbal registrat fis-seduta tas-26 ta' JAr 2016,Fol 87, nghata l-fakolta' li jippresenta l-affidavit tieghu u ta' xhieda ohra jekk ikun il-kaz, sa l-ahhar ta' Marzu 2016, pero' ma jirrizultax li dawn l-affidavits gew ippresentati.

B'verbal registrat fis-seduta tal-21 ta' April 2016, Fol 115, l-attrici nghatat il-fakolta' li tippresenta nota ta' sottomissjonijiet sa l-ahhar ta' Gunju, u l-konvenut nghata l-fakolta' li jippresenta nota responsive sa l-ahhar ta' Settembru.

L-attrici ppresentat din n-nota fl-14 ta' Lulju 2016, Fol 124, wara li t-talba taghha tat-30 ta' Gunju 2016, biex jigi estis t-terminu giet milquha, pero' ma jirrizultax li l-konvenut ippresenta nota responsiva.

l-konvenut xehed fis-seduta tal-21 ta' April 2016, Fol 116 et seq. Ikkonferma li kienu ilhom mizzewwgin 34 sena. Hu cahad incidenti ta' vjolenza fid-dar. Hu kkonferma li fost l-ghamara kien hemm pituri u figurini li jiswew il-flus. Il-pitturi jiswew xi Euro 150 u kien hemm xi 20 pittura, u l-figurini jiswew xi Euro 500 il-par u kien hemm xi tlettin par. Hu ddikjara li ma xtaqx li d-dar tinbiegh ghax bniha hu. L-art nxtrat wara z-zwieg, u  hu hadem fid-dar billi pogga il-madum.

Hu kkonferma li l-mara kienet wirtet tlett pituri minn ghand iz-ziju taghha u l-ohrajn nxtraw waqt z-zwieg. Hu insista li wiehed mill-pitturi kien gie regalat lilu miz-ziju tal-mara Saviour Spagnol billi kien ghamillu xoghol ta' tibjid u flok hallsu bi flus hallsu bil-pittura. Hu kkonferma li pitturi kien hemm bejn wiehed u iehor 30 u li " hija xtrathom bil-flus tal-wirt li kienet hadet" FOl 119. Anke it-30 par figurini hu kkonferma li nxtraw " Wara li hadet il-wirt ta' missierha", u li "nxtraw bil-flus li wirtet".

Mistoqsi jekk il-flus biex nxtrat l-arja, billi l-post nbena fuq garages, kienx harighom z-ziju tal-mara, l-konvenut irrisponda li veru li kien tahom il-flus biex jixtru l-arja izda hu kien hallsu lura. Hu cahad li l-attrici harget £M10,000 ghal spejjes u finishing fid-dar, billi hi wirtet l-flus wara li nbniet d-dar. Bil-flus li wirtet xtrat dak li riedet hi. Hi qatt ma hadmet l-anqas qabel iz-zwieg.

Hu cahad li l-granit nxtara bil-flus taz-ziju tal-mara u ddikjara li dan nxtara meta hu kien jahdem is-Ship Building, kien rceva s-somma u hallas ghall-granit bihom.

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

Fil-kaz in ezami rrizulta li l-partijiet zzewwgu fid-19 ta' Dicembru 1982, kellhom tifel, Saviour, fit-2 ta' Dicembru 1983, u minn dak z-zmien l-konvenut ma wera l-ebda affezzjoni lejn l-attrici martu u nfexx fil-vizzju tax-xorb. Kien jirritorna d-dar tard bil-lejl fis-sakra, gieli kien jaghamel jumejn shah barra, u billi kien jkun xurban kien issir vjolenti u jkisser l-ghamara u l-bibien. Ghalkemm ma irrizultax li kien abitwalment vjolenti ma' martu, kien hemm zewg incidenti partikolari meta l-attrici twerwret minnu, dawn kienu meta dawwar il-wire tat-telephone ma ghonqha meta kien fis-sakra, u darb'ohra sawwat lit-tifel bic-cinturin u ghamillu ferita f'wiccu.

Il-konvenut ghalkemm baqa' jikkoabita mal-attrici kien qisu jghix hajja kompletament indipendenti minnha. Ftit wara li twieled it-tifel hu qata' kompletament r-relazzjonijiet intimi ma' l-attrici. Hi tghid li ghamlet snin twal issoffri l-indifferenza u l-passivita' tieghu. Kienet giet minnu kompletament abbondonata fizikament u emozzjonalment. L-attrici bdiet tiskopri t-tendenzi sesswli perversi ta' zewgha. Skopriet b'kumbinazzjoni li zewgha kien dilettant tal-videos pornogrifici, meta t-tifel u l-kugin tieghu riedu jaraw il-cartoons fuq it-television; kienet nhassdet meta t-tifel qalilha li missieru kien jmisslu l-partijiet privati tieghu. Din kienet l-ewwel indikazzjoni cara tat-tendenzi sesswali perversi tal-konvenut, li kkulminat fl-arrest tieghu fit-2009 meta kien ikkorrompa zewg ahwa minorenni li marru jahdmu fil-hanut tieghu. Kif konfemat mis-sentenzi li jinsabu fl-atti, l-konvenut nstab hati ta' korruzzjoni ta' minorenni u kkundAt 5 snin prigunerija. Hu appella mid-decizjoni ta' l-ewwel Qorti, pero' l-appell gie michud u giet ikkonfermata s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati.

L-attrici, fit-2 ta' Novembru 2016, ippresentat rikors bl-urgenza, fejn ghamlet referenza ghar-rikors precedenti taghha ppresentat fl-14 ta' Settembru 2015, u talbet li tigi awtorizzata tibqa' tghix wahedha ad eskluzjoni ta' zewgha fid-dar matrimonjali sakemm din tinbiegh. It-talba giet milqugha b'digriet tal-10 ta' Novembru 2016. Fl-istess rikors l-attrici ddikjarat li giet infurmata li l-konvenut ser jinheles mill-habs f'dawn il-granet u li kienet qed tibza ghall-inkolumita' taghha, billi zewgha "jaf jkun ukoll vjolenti".

Iz-zwieg tal-partijiet gie ddikjarat null ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut.

**Manteniment.**

L-attrici ma tahdhimx, l-istess konvenut ikkonferma li qatt ma hadmet l-anqas meta kienet ghadha xebba.

It-tifel Saviour hu illum maggjorenni u jghix ghar-rasu.

Il-konvenut, li rrizulta recentement li wasal biex jiskonta s-sentenza ta' detenzjoni u jinheles mill-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, kien ghamel zmien jahdem ma' Croce Bonaci l-Belt; meta xehed ikkonferma li kien jahdem mal-Malta ShipBuilding u nghata s-somma, li ma indikax kemm kienet, u spicca minn dak l-impieg. Mis-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Magistrati jirrizulta li meta sar r-reat, fit-2009 il-konvenut kien jiggestixxi negozju ta' haunt f'Hal Ghaxaq li jismu il-Bukkun, fejn iz-zewgt ahwa minorenni kienu marru jahdmu mieghu.

Fic-cirkostanzi, -talba tal-attrici ghall-manteniment hi gustifikata.

**Komunjoni tal-Akkwisti.**

Mhux kontestat bejn il-partijiet li d-dar matrimonjali 3, Is-Salvatur, Triq Qalgha, Tarxien hi tal-komunjoni tal-akkwisti. Din nbniet fuq xi garages, nxtrat l-arja ta' fuqhom, fejn nbniet d-dar. Jaqblu ukoll li iz-ziju tal-attrici kien originarjament hareg il-flus pero' il-konvenut jinsisti li kien hallsu lura. Ma gew ippresentati l-ebda kuntratti, la tal-akkwist tal-arja u l-anqas tas-self maz-ziju tal-attrici.

Divergenza bejn il-partijiet hi l-pretensjoni tal-attrici li tikkontendi li wirtet £M10,000 minn ghand missierha li skond hi ntnefqu f'benefikati fid-dar, fosthom poggjaman u arkati tal-kewba u kcina; mentri skond il-konvenut l-flus li wirtet nefqiethom fuq x'hiex riedet, bhal figurini tac-caqquf u pitturi. Skond il-konvenut l-attrici wirtet lil missierha ferm wara li nbniet d-dar u billi hu kien rceva s-somma mill-Malta ShipBuilding kien hallas ghall-granit.

L-attrici, fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, Fol 124 et seq, dwar il-komunjoni tal-akkwisti tiddikjara, Fol 128 li l-assi tal-istess huma:
1 Id-dar Matrimonjali.
2 Vettura Maruti Van
3 Hwejjeg personali inkluz deheb.
4 Il-kelb zghir 'Lula'.
5 Ornamenti fid-dar bhal inkwatri, figurini, statwetti, platti tal-hajt, purtieri,tazzi, fajjenza varja u ghamara varja fid-dar matrimonjali.

L-attrici qed tipproponi li d-dar tinbiegh bi prezz accettabbli lit-tnejn , pero' sakemm tinbiegh d-dar tibqa' tghix fiha hi ad eskluzjoni tal-konvenut, u li hi ghandha kreditu parafernali kontra il-komunjoni fl-ammont ta' Euro 23,294, l-ekwivalenti ta' £M10,000 li wiertet minn ghand il-genituri taghha u ntnefqu f'benefikati fid-dar. Hi ghalhekk tikkontendi li mir-rikavat tal-bejgh hi ghandha l-ewwel tircevi dan l-ammont u l-bilanc jinqasam ugwalment bejniethom.

Hi qed tipproponi li l-vettura van Maruti tigi assenjata lill-konvenut; li kull parti ghandha izzomm d-deheb u l-effetti personali li tuza, u li hi zzomm il-pet taghha l-kelb illum anzjan 'Lula'.

Dwar l-ornamenti varji bhal figurini, statwetti, ghamara, purtieri, platti u fajjenza varja li tinsab fid-dar matrimonjali, l-attrici ippresentat Anness A, Fol 132 u pproponiet li l-oggetti hemm elenkati jigu assenjati lilha, u l-Anness B, Fol 136 u pproponiet li l-oggetti hemm elenkati jigu assenjati lill-konvenut.

L-attrici ddikjarat, para 23 Fol 130 li oggetti ohrajn bhal vazuni,inkwatri, platti bid-disinn u deheb tal-istess konvenut li kien wera x-xewqa li ried, hi qed tipproponi li jigu assenjati lill-konvenut. Hi ddikjarat li dawn l-oggetti gezwrithom fil-gazzetti.

Iddikjarat in oltre li l-oggetti indikati fl-Anness C, Fol 148 huma propjeta' esklusiva taghha u li kienet wirtet minn ghand iz-ziju taghha.

IL-konvenut ma ikkontestax din il-proposta tal-attrici u fi kwalunkwe kaz l-oggetti ghandhom certu valur ghall-partijiet, anke sentimentali, u jkun aktar ghaqli li dawn jinqasmu bejniethom fizikament billi l-alternattiva l-ohra li jinbiegh, jista' finalment ma jkunx fl-ahjar interess tal-partijiet billi ma hemm l-ebda garanzija li jekk jinbieghu jgibu prezz tajjeb.

Il-proposta ta' divizzjoni tal-effetti mobbli tal-komunjoni tal-akkwisti kif indikata mill-attrici timmerita li tigi mplimentata.

**DECIDE.**

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza billi prevja li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut;

1. Tastjeni milli tippronunzja decizzjoni dwar it-talba ghal separazzjoni personali in kwantu irrizulta li fil-mori z-zwieg tal-partijiet gie dikjarat null;

2. Tilqa' it-tieni talba attrici u tordna li l-konvenut ihallas lill-attrici manteniment fl-ammont ta' Euro 300 fix-xahar, pagabbli kull l-ewwel tax-xahar, b'effett minn xahar wara li l-istess konvenut jkun nheles mid-detenzjoni ghal zmien hames snin millum;

3. Tilqa' it-tielet u r-raba' talba attrici, tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tillikwida l-istess billi tordna li d-dar matrimonjali, numru 3, Is-Salvatur, Triq il-Qalgha, Tarxien, tinbiegh taht l-

awtorita' tal-Qorti sakemm il-partijiet ma jsibux il-bejgh tal-istess fis-suq liberu zmien sena millum. D'dan li sakemm tinbiegh lill-terzi, l-attrici hi awtorizzata li tirrisjedi fl-istess dar ad eskluzjoni tal-konvenut, li l-attrici tithallas l-ammont ta' Euro 23,294 mir-rikavat tal-prezz u l-bilanc jinqasam ugwalment bejniethom u li l-effetti mobbili jigu divisi kif indikat 'supra';

4. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-hames talba attrici

5. Tilqa' is-sitt, is-seba, it-tmien u d-disa' talba attrici.

Bl-ispejjez kontra il-konvenut.

**Imhallef** **Deputat Registratur**